# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## Decizjoni Nru. 61

Kaz Nru. 71

Fil-kwistjoni tax-xoghol
bejn
Is-Sur Michael Chetcuti
u
Messrs. Jodic Ltd.

Data : 24 ta' Jannar, 1980.

Chairman : C.J. Mallia.

Dan il-kaz gie riferit lil dan it-Tribunal mill-Ministru tax-Xoghol, Kultura,u Ghajnuna Socjali, skond l-artikolu 28 (2) ta' l-Att ta' l-1976 dwar Relazzjonijiet Industrijali, fid-19 ta' Settembru, 1979, wara li s-Sur Michael Chetcuti kien allega li huwa kien gie mkecci ngustament mill-impieg li kellhu mad-ditta Jodic Ltd. ta' Kordin Industrial Estate, Paola.

2. Il-partijiet. L-applikant, is-Sur Michael Chetcuti, kien assistit mis-Sur Alfred Pullicino, President tal-Jodic Ltd. Employees Union. Ghad-ditta Jodic Ltd. deher is-Sur Emanuel sive Noel Scerri, debitament awtorizzat.

3. Seduti u xhieda. Matul hames seduti biex gie ttrattat il-kaz, instemghu dawn ix-xhieda:

| | |
|---|---|
| Is-Sur Mario Bilocca, Polisher mal-Jodic<br>Dr. G. Muscat Azzopardi, B.A., LL.D., Legal Adviser tal-Jodic Ltd. Employees Union<br>Is-Sur Andrew Vella, Polisher mal-Jodic<br>Is-Sur Paul Zammit, Polisher mal-Jodic | Migjuba mill-applikant. |

Is-Sur Michael Chetcuti, l-applikant, minn rajh.

Is-Sur Vincent Gatt, Production Manager mal-Jodic, migjub mid-ditta.

/2. .....

4. <u>It-tkeccija</u>. Is-Sur Michael Chetcuti kien gie mpjegat mal-Jodic Ltd., bhala Diamond Cutter, fit-8 ta' Novembru, 1976. Id-ditta kecciethu fl-14 ta' Frar, 1979. Ir-raguni ufficjali li d-ditta tat lid-Dipartiment tax-Xoghol, fuq ic-certifikat ta' temm ta' l-impieg, tghid: "Following repeated warnings, terminated for negligence as per letter addressed to employee and copied to your department." L-ittra in kwistjoni kienet iddatata 14 ta' Frar, 1979. Din, wara li rriferixxiet ghal twissija finali li kienet inghatat lill-impjegat fit-30 ta' Jannar, 1979, semmiet il-kaz tat-13 ta' Frar, 1979, meta s-Sur Chetcuti kien sab sitt djamanti nieqsa minn parcel li kien ġie moghti u li ma kienx iccekkja, u qalet li dan kien kaz fundamentali ta' negligenza da parti ta' l-impjegat.

5. <u>Ftehim Kollettiv</u>. Dan l-istess Tribunal diga' kellhu okkazzjoni jsemmi l-Ftehim Kollettiv li din l-istess kumpanija Jodic Ltd. kienet iffirmat mal-Jodic Ltd. Employees Union f'Gunju, 1978. Fl-Award tieghu Nru. 45, fil-5 ta' Gunju, 1979, dan it-Tribunal kien fakkar li ftehim simili ghandu jigi segwit. Kien qal ukoll li twissija (warning) hija forma ta' kastig, u li ghalhekk wiehed ma jistax jasal ghaliha (hlief fil-kaz ta' first minor offence meta tista' tinghata twissija verbali) hlief wara l-procedura ta' charge, twegiba, eccetra, debitament stabbilita fil-Ftehim Kollettiv. Hawn rega' ghandna l-istess ksur tal-Ftehim Kollettiv, u fil-waqt li s-Sur Chetcuti llamenta li mhabba dan huwa ma giex moghti cans li jiddefendi ruhu, d-ditta ma rrispondietx ghal dan validament. Huwa veru li s-Sur Chetcuti tkecca qabel id-decizjoni Nru. 45 ta' dan it-Tribunal fil-5 ta' Gunju, 1979. Izda dak inhar it-Tribunal ma kienx qed johloq xi regolament gdid, imma kien qieghed biss ifakkar x'gie

miftiehem fil-Ftehim Kollettiv u li dak kellu jkun dejjem irrispettat miz-zewg nahat. Ghalhekk huwa car li d-ditta hawn kellha ksur tal-Collective Agreement, li anke wahdu biss, bhal fil-kaz tas-Sur Charles Gray (Decizjoni Nru. 45), jirrendi t-tkeccija ngusta.

6. Nuqqas iehor. Izda t-Tribunal ma jistax jieqaf hawn u jaqta' l-kaz billi malajr isib favur Mr. Michael Chetcuti. Is-Sur Chetcuti stess ammetta li hu "ma ccekkjax il-kontenut tal-parcel li kien inghata" (ara statement of case tieghu, datat 30 ta' Ottubru, 1979). Dan ukoll jikkostitwixxi ksur tal-Collective Agreement. Il-paragrafu 24 ta' dak il-Ftehim (Disciplinary Procedure) jghid li l-impjegat huwa marbut "to observe conscientiously the Company's rules and regulations." Dawn ir-regolamenti, fil-paragrafu 11 (b) taghhom, kif fakkar is-Sur Scerri fis-sottomissjonijiet finali ghall-kumpanija, juru d-dover ta' l-impjegat li jrodd lura kull jum id-djamanti li jkunu nghatawlu biex jahdem fuqhom. L-istess koncett tar-risponsabbilta' ta' kull impjegat ghan-numru ta' djamanti li jkunu gew fdati lilhu nsibuh fil-paragrafu 24 (1) (b) tal-Ftehim Kollettiv. Hareg ukoll, mix-xhieda tas-Sinjuri Mario Bilocca u Andrew Vella, li dejjem kien dover ta' l-impjegati li jiccekkjaw id-djamanti li jinghataw, sija wara kif ukoll qabel in-notice specifiku li d-ditta waghlet wara li tkecca s-Sur Chetcuti. Barra minn dan kollhu, "it stands to reason" (u r-raguni ma titlobx forza) li oggetti ta' valur bhal ma huma djamanti ma ghandhom qatt jghaddu minn id ghall-ohra ghaddocc, minghajr ma jigu ccekkjati. Ghalhekk huwa car li s-Sur Chetcuti wkoll agixxa kontra l-Collective Agreement.

7. Nsibijiet ohra. Hemm inbaghad laxkezzi ohrajn, kemm fl-istess procedura dixxiplinarja, kif ukoll fil-kontroll generali ta' ditta li tahdem merkanzija hekk sensitiva. Fid-dixxiplina, per ezempju, l-impjegat jircievi haga serja bhal "final warning" (ga kontra l-procedura miftehma); dan ikun fuq production targets li fuqhom fil-kaz tas-Sur Charles Gray it-Tribunal kien qal li hemm konfuzjoni bejn production targets u bonus targets u sallum ghadu ma semghax li din giet iccarata mal-Union; l-impjegat jaghti certi twegibiet li "prima facie' fihom x' wiehed iqis sewwa u jinvestiga; u l-ghada jircievi risposta awtoritarja li tghid : "We regret to inform you that the argument put forth cannot be accepted." Fil-kontroll tax-xoghol, imbaghad, tohrog laxkezza li kemm kemm tkun tollerabbli f'ditta li tipprocessa l-pizelli, ahseb u ara f'wahda li tahdem id-djamanti. Impjegat isib zewg djamanti nieqsa u l-persuna msejjha "Handout" ittih tnejn ohra. Jew jiknes l-art u jsibhom. Jew ifittex fid-dustbin u jsib numru aktar milli naqsuh u jarafhom li mhumiex tieghu. It-Tribunal jittama li din id-ditta titghallem tmexxi kemm il-merkanzija u kemm l-impjegati b'aktar serjeta'. U jekk ghal xi raguni hi ma tistax tipprofitta minn dawn l-izbalji, almenu iservu ta' "eye opener" ghal ditti ohra.

8. Konkluzjonijiet. Ghandna mela dawn il-fatti quddiemna:

(1) Is-Sur Michael Chetcuti, fit-13 ta' Frar, 1979, ma ccekkjax id-djamanti li tawh, u dan kien nuqqas ovvju li jikser ukoll il-Ftehim Kollettiv.

(2) Id-ditta Jodic Ltd. tghid li s-Sur Chetcuti kellu nuqqasijiet ohra qabel fuq "production".

(3) Id-dixxiplina dwar in-nuqqasijiet taht (2) hawn fuq, kif ukoll dik dwar (1) hawn fuq, ma tmexxietx skond il-procedura tal-Ftehim Kollettiv.

(4) Is-Sur Chetcuti rraporta li sab djamanti aktar milli kien "short" u li dawn ma kienux minn tieghu. Hawn it-Tribunal ma jistax ma josservax dak li fakkar is-Sur Chetcuti stess fis-sottomissjonijiet finali tieghu, li din l-azzjoni tieghu uriet integrita' u sincerita'.

(5) Bhal f'kaz simili precedenti li kellna (Decizjoni Nru. 45), id-difetti procedurali msemmija taht (3) hawn fuq jirrendu t-tkeccija nulla, avolja li, kieku kollox sar sewwa, in-nuqqasijiet ta' l-impjegat setghu jimmeritaw xi kastig dixxiplinarju li aktarx mhux il-kastig estrem tat-tkeccija.

9. AWARD. Ghalhekk it-Tribunal, wara li wizen kull stqarrija u prova tal-partijiet u tax-xhieda, u wara li ha in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz, isib li t-tkeccija tas-Sur Michael Chetcuti mid-ditta Jodic Ltd. hija nulla, u jaghlaq din il-kwistjoni tax-xoghol billi jordna hekk:

(a) Jodic Ltd. ghandha thallas lis-Sur Michael Chetcuti, mhux aktar tard mill-31 ta' Jannar, 1980, il-paga kollha dovuta lilu mill-15 ta' Frar, 1979, sat-30 ta' Gunju, 1979, flimkien ma beneficcji ohra dovuti, imma minghajr ebda imghax.

(b) Fil-kaz li s-Sur Chetcuti ikun jehtieg xi certifikat, dan ghandu jkun biss dwar liema zmien hadem u liema xoghol, u ma ghandu jaghmel ebda gudizzju dwar kapacita', output, jew karattru.

(c) 'Reinstatement', li anqas kien mitlub, ma giex ikkunsidrat.

(C.J. Mallia)
Chairman.

(A. Bartolo Parnis)
Segretarju.

24 ta' Jannar, 1980.

em